# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 13 ta' Frar tas-sena 2002.**

**Numru 25**

**Avviz numru 534/01/SM**

**International Automobiles Limited**

**vs**

**Maria Lourdes Bitar Rosso**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u disghin liri Maltin u erbghajn centezmi (LM490.40,0) liema somma hija dovuta skond ghaxar (10) kambjalijiet (009 sa 018) iffirmati mill-istess konvenuta, li kopja taghhom qed tigi esebita, liema kambjalijiet skadew izda baqghu ma thallsux, nonostante li hie giet interpellata diversi drabi sabiex thallas;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 27 ta' April 2001 kontra l-konvenut li tibqa minn issa ngunta ghas-**

**subizzjoni u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma deheritx, la fil-21 ta' Frar tas-sena 2002 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**